*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 31 – 21 ta' Mejju 2021**

***Minuti tal-wieħed u tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-21 ta' Mejju 2021 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 31. Il-laqgħa bdiet fl-6:08pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Kulħadd kien preżenti.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea sekondata mill-Kunsillier Philip Edrick Zammit.

**31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ġab għall-attenzjoni lment dwar għalqa wara Ġnien l-Indipendenza li qed jintuża sabiex jintrema skart tal-kostruzzjoni, li issa fforma munzell ġmielu.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

### 31.4 Tenders

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ġew ippublikati jew ser ikunu ppublikati Tender dwar Landscaping ta' Vjal il-Helsien u Tender ieħor għall-Pavimentar u Dwal ta' Bieb De Rohan.

Dwar il-Latrina li hemm fi Triq Sciortino, kien hemm diskussjoni jekk din għandhiex tingħalaq jew le. Ġie rrapurtat li qed ikun hemm diversi abbużi. Wara diskussjoni, kien deċiż li din il-latrina tibqa miftuħa, li jinbidlu id-diviżorji, u li meta jitweħħlu l-cameras il-latrini jibdew jingħalqu wara is-7pm. Dan sakemm ma tinbena l-latrina l-ġdida li t-tender għall-bini tagħha, is-Segretarju għadha qed tistenna dokumentazzjoni mingħand il-Perit dwaru.

Il-Kunsillier George Cortis qal li Ħaż-Żebbuġ qed jitħallsu ħafna flejjes għat-tindif tal-latrina tal-irġiel u tan-nisa meta f'lokalita oħra għat-tindif ta' tlett latrini jitħallsu Eur9,000 fis-sena. Il-Kunsill qabel li minħabba li t-tender taż-żamma tal-latrina huwa skadut, il-kuntrattur eżistenti ser jitwaqqaf u ser jintalbu 3 kwotazzjonijiet għaż-żamma tal-latrina, tindif tal-librerija u tal-uffiċji tal-Kunsill.

Dwar qtugħ ta' ħaxix, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppreżenta stima għall-qtugħ ta' ħaxix fi Triq tar-Remel, Triq it-12 ta' Mejju, Triq il-Buskett, Triq tal-Lhudi, kif ukoll Triq il-Buskett. Għall-qtugħ biss intalbu Eur750 plus VAT, filwaqt li jekk jinġabar ukoll intalbu Eur1500 plus VAT. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-ħaxix jinġabar f'munzell u imbaghad jinġabar mill-Cleansing Department.

### 31.5 Għeluq ta Misraħ San Filep u Triq Sciortino għat-tieni *weekend* ta' Ġunju

Saret diskussjoni dwar kif il-kunsill għandu jaġġixxi dwar it-talbiet li qed ikun hemm għall-imwejjed u siġġijiet fil-pjazza u Triq Sciortino fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju, li hija l-ġimgħa li tradizzjonalment issir l-festa ta' San Filep fit-toroq tar-raħal. Dan minħabba li l-Awtoritajiet

tas-Saħħa poġġew diversi restrizzjonijiet fosthom li ma jistgħux isiru festi esterni li jaqgħu taħt attivitajiet tal-massa. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li jagħmel talba bil-miktub lis-Supretendent tas-Saħħa, lill-Pulizija u lill-MTA,sabiex tingħata direttiva bil-miktub, fid-dawl li l-Każini tkellmu mas-Sindku u qalulu li ser jagħmlu talba bil-miktub għall-imwejjed u s-siġġijiet barra fit-triq kif isir ta' kull sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kemm il-Każin Banda San Ġużepp u anke l-Locomotif għamlu talba lill-Kunsill sabiex jpoġġu mwejjed u siġġijiet barra tul is-Sajf. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm direttivi bil-miktub mill-MTA, ma jistax jippermetti li jħalli mwejjed u siġġijiet mingħajr ma jkunu rregolarizzati mill-Awtoritajiet ikkonċernati.

**31.6 Triq Giovanni Pullicino – Sistema tat-Traffiku**

Is-Sindku Dr. Malcolm Galea qara korrispondenza mibgħuta minn Michael Cohen dwar is-sistema tat-traffiku fi Triq Giovanni Pullicino, fejn intqal li d-deċiżjoni ta' TM hi li t-traffiku ser jgħaddi 'l fuq u 'l isfel. Is-Sindku qal ukoll li l-ħajt li kien ittella' 8 filati għandu jonqos għal tlitt filati. Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li jekk it-triq ser issir two-way, b'bankina fuq kull naħa u parking fuq kull naħa, il-lanes ser ikunu dojoq. Infrastructure Malta qalet li ser tibni bankina n-naħa tad-djar, bla ebda bankina in-naħa taċ-ċint, iżda b'parkeġġ biss. Il-Kunsillier David Battistino talab li tkun reġistrata korripondenza li ntbgħatet minnu dwar dak il-ħajt ta' Triq Giovanni Pullicino.

Sadanittant il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qara l-mozzjoni li kienet preżentata minnu u sekondata mill-Kunsillier George Cortis li kienet tgħid hekk:

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

***Qiegħed nipproponi li fi Triq Giovanni Pullicino li bħalissa għaddejjin xogħlijiet sabiex jinfetaħ it-triq tiġi direzzjoni one-way sabiex bl-ispazju mirbuħ jinħoloq promenade għall-mixi u tħaddir urban.***

***Il-one way ikun direzzjoni minn Triq il-Mitħna għall-Triq Mikielanġ Sapiano.***

***Il-promenade ikun ta' 500 metru tul, u 3 metri wesa' u fuq in-naħa tar-raba'.***

***Il-promenade isservi ta' kwalita ta' ħajja aħjar għar-residenti taż-żona. Dan ikun proġett ta' valur għal Ħaż-Żebbuġ fejn iġġib bilanċ bejn l-iżvilupp u l-ambjent.***

Il-Kunsillier David Battistino ressaq għall-vot il-kontra-mozzjoni li kienet ntbagħtet b-imejl fil-21 t' April 2021 li kienet tgħid:

***Wara żewġ laqgħat tal-Kunsill, wara mozzjoni li tressqet f'dan ir-rigward, wara laqgħa ta' konsultazzjoni, li dan il-grupp kellu ma rappreżentanti tar-residenti ta' l-imsemmija triq, li fiha ġiet ppreżentata petizzjoni ta' aktar minn 50 ruħ u wara laqgħa u diskussjoni li kellna fil-grupp tal-Kunsilliera PN, il-pożizzjoni tagħna hija li fl-imsemmija triq, il-Kunsill għandu jinsisti ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex:***

1) ***Jinħoloq 'belvedere' b'siġar u għamara li jixirqu,***

2) ***Jitħalla l-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq,***

3) ***Li t-triq tiġi direzzjoni waħda, lejn Triq Michelanġ Sapiano***

***4) U Il-mozzjoni mressqa tiġi emendata biex tinkludi punt numru tnejn t'hawn fuq.***

Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier George Cortis u tressqet għall-vot.

**Dawk Favur; il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier George Cortis, Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi , il-Kunsillier George Cortis, u l-Kunsillier Kevin Glynn.**

**Dawk Kontra; Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, il-Viċi-Sindku Mark Camilleri, il-Kunsillier Clive Azzopardi u l-Kunsillier Philip Edrick Zammit**

**Astensjonijiet; Il-Kunsillier Patrick Bonnici**

Minħabba parita bejn il-voti kontra u l-voti favur, is-Sindku kellu jagħti l-casting vote tiegħu. Il-Casting Vote tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea kien kontra l-mozzjoni.

Din il-mozzjoni m'għaddietx.

Ġaladarba saret il-votazzjoni għall-kontro-mozzjoni preżentata mill-Kunsillier David Battistino, saret il-votazzjoni għall-mozzjoni preżentata mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi.

**Dawk Favur; Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi , il-Kunsillier George Cortis, il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Kevin Glynn.**

**Dawk Kontra; Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, il-Viċi-Sindku Mark Camilleri, il-Kunsillier Clive Azzopardi u l-Kunsillier Philip Edrick Zammit**

**Astensjonijiet; Il-Kunsillier Patrick Bonnici**

Minħabba parita bejn il-voti kontra u l-voti favur, is-Sindku kellu jagħti l-casting vote tiegħu. Il-Casting Vote tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea kien kontra l-mozzjoni. Għaldaqstant il-mozzjoni m'għaddietx.

**31.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Philip E. Zammit qal li kien ikkuntattjat mill-Cultural Heritage Diversity in Community sabiex jintagħżel ħajt Ħaż-Żebbuġ u ssir tpinġija fuqu minn numru ta' żgħażagħ.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal fil-Ġnien tal-Grazzja mal-ħajt tal-kamra jista jsir mural bi stampi dwar in-natura u għasafar. Il-prezz huwa ta' Eur700 plus VAT u l-artist huwa James Micallef. Kien hemm qbil li dan isir.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi fakkar ukoll li fl-4 ta' Ġunju kien ser jagħlaq iż-żmien għall-appell fuq PA02886/21 dwar aċċess pubbliku bejn Sqaq Nru 16 fi Triq il-Kbira u Triq Wallace Gulia. Huwa qal li ser jibgħat aktar tagħrif sabiex il-kunsill ikun jista jieħu l-pożżizzjoni dwar din l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi semma wkoll applikazzjoni ghall-żvilupp fi Mdina Road, Haz-Zebbug lejn ir-River of Love, sabiex jinbena supermarket. Minħabba li din l-

applikazzjoni kienet għadha kif saret, u allura ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni, kien deċiż li tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**31.8 Vot tal-Flus**

Ġie preżentat il-vot tal-flus li kien iċċirkolat. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-vot ikun approvat kif preżentat. Il-Kunsillier Philip E. Zammit issekonda. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi astjena mill-vot lil Mario Cachia għat-tindif tal-latrina pero ivvota favur il-kumplament tal-iskeda tal-pagamenti. Il-kumplament tal-kunsilliera qablu unanimament.

**31.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |